

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: F. Drexler, N. Görlitz u C. Burgos, aġenti)

### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament, l-ewwel nett, tal-konstatazzjoni ta' pożizzjoni vakanti tas-siġġu tar-rikorrent mit-3 ta' Jannar 2020, imħabbra mill-President tal-Parlament f'seduta plenarja tat-13 ta' Jannar 2020, u, it-tieni nett, tal-allegata ċaħda minn dan tal-aħħar tat-talba li tittieħed b'urġenza inizjattiva intiża li tikkonferma l-immunità tar-rikorrent, ippreżentata fl-20 ta' Diċembru 2019 f'ismu minn Riba i Giner, Membru tal-Parlament Ewropew, abbażi tal-Artikolu 8 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talba għal intervent tar-Renju ta' Spanja.
- 3) Oriol Junqueras i Vies huwa kkundannat għall-ispejjeż, inklużi dawk sostnuti fil-kuntest tal-Kawża T-24/20 R.
- 4) Ir-Renju ta' Spanja għandu jbati l-ispejjeż marbuta mat-talba tiegħu għal intervent.

(<sup>1</sup>) ĠU C 68, 2.3.2020.

### Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Diċembru 2020 – ClientEarth vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-255/20) (<sup>1</sup>)

*(“Rikors għal annullament – Aċċess għad-dokumenti – Kunitologija – Kunitat tekniku għall-vetturi – L-aġenda tad-79 il-laqgħa tal-Kunitat – Dritt għall-informazzjoni applikabbli fl-Istati Membri tal-Unjoni f'dak li jirrigwarda l-emissjonijiet minn vetturi ħfief għall-passiġġieri u minn vetturi kummerċjali ħfief – Riffjut impliċita ta' aċċess – Deċiżjoni espliċita adottata wara l-introduzzjoni tar-rikors – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)*

(2021/C 53/56)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrent: Client Earth AISBL (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: F. Logue, solicitor, u J. Kenny, barrister)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Delaude, C. Ehrbar u G. Gattinara, aġenti)

### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni impliċita tal-Kummissjoni tas-26 ta' Frar 2020 li tirrifjuta l-aċċess għal ċerti partijiet tal-minuti tad-79 il-laqgħa tal-Kunitat tekniku għall-vetturi tat-12 ta' Frar 2019.

### Dispożittiv

- 1) Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.
- 2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 247, 27.7.2020.